VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,362, 30 ta' Diċembru, 2014*
*Taqsima B*

**A.L. 485 tal-2014**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

### Ordni ta' *Standard* Nazzjonali tal-2014 dwar Żjieda fil-Paga għall-Impjegati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamlet dan l-ordni li ġej:-

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali tal-2014 dwar Żjieda fil-Paga għall-Impjegati, u dan l-Ordni għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2015.

Titolu u bidu fis-seħħ.

**2.** (1) Il-pagi ta' impjegati *whole-time* għandhom jiżdiedu b'€0.58 fil-ġimgħa.

Żjieda għall-għoli tal-ħajja.

(2) Ir-rata fis-siegħa ta' impjegati *part-time* għandha tiżdied bl-istess ammont taż-żjieda fir-rata fis-siegħa ta' impjegat *whole-time* komparabbli, ikkalkulata wara li tiġi inkluża ż-żjieda fil-ġimgħa speċifikata fis-subartikolu (1), jew fil-każijiet fejn ma jkun hemm ebda kategorija komparabbli ta'impjegati *whole-time* fil-post tax-xogħol, bir-rata fis-siegħa ta' impjegat *whole-time* komparabbli f'Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi li jkun japplika, jew fejn ma jkunx hemm Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi li jkun japplika, b'wieħed minn kull erbgħin tar-rata ta' żjieda kif speċifikat fis-subartikolu (1).